



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13256/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0227(NLE)

PECHE 463

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Ottubru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 474 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tas-Senegal u l-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 474 final.

Mehmuż: COM(2019) 474 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2019
COM(2019) 474 final

2019/0227 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tas-Senegal u l-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Abbażi tad-Direttivi tan-negozjati rilevanti¹, il-Kummissjoni nnegożjat mal-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal (minn hawn 'il quddiem "is-Senegal") bil-ħsieb li tikkonkludi Protokoll ġdid tal-Ftehim tas-sajd eżistenti. Wara dawn in-negozjati, fis-19 ta' April 2019 ġie inizjalat Protokoll ġdid. Il-Protokoll ikopri perġodu ta' ħames snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, jiġifieri mid-data tal-iffirmar tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 16 tiegħu.

Il-Protokoll jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin għall-bastimenti tal-Unjoni:

- 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mġhammra bi friża;
- 10 bastimenti tas-sajd bil-bastun u x-xlief;
- 5 bastimenti tas-sajd bil-konz;
- 2 bastimenti tat-tkarkir.

Għandu jiġi stabbilit il-metodu għall-allokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Skont il-prijoritajiet tar-riforma tal-politika tas-sajd², il-Protokoll il-ġdid joffri opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tas-Senegal skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u filwaqt li jħares ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT). Dan il-Protokoll ġdid iqis ir-riżultati ta' evalwazzjoni li saret fuq l-aħħar Protokoll (2014-2019) u ta' evalwazzjoni li tħares lejn il-futur dwar jekk għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. It-tnejn li huma twettqu minn esperti esterni. Il-Protokoll se jippermetti wkoll lill-Unjoni Ewropea u lis-Senegal jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jipromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tas-Senegal u biex jappoġġaw l-isforzi tas-Senegal biex jiżviluppa s-settur tiegħu tas-sajd, fl-interess taż-żewġ partijiet.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mas-Senegal jidħol fil-qafas tal-azzjoni esterna tal-UE mal-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), u jqis b'mod partikulari l-oġġettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

Minkejja li f'livell lokali, l-attività ekonomika ġġenerata fis-settur tas-sajd tas-Senegal tgħin biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari.

¹ Adottat waqt il-Kunsill tal-Aġrikoltura u Sajd tal-15 ta' Lulju 2019.

² ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

1. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika magħżula hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li l-Artikolu 43(3) tiegħu jistabbilixxi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-qasam ta' azzjoni huwa kompetenza esklużiva.

2. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati waqt l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante* dwar Protokoll potenzjali ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u s-Senegal. Waqt laqgħat tekniċi ġew ikkonsultati wkoll l-esperti mill-Istati Membri u mis-settur. Minn dawn il-konsultazzjonijiet ħareġ li huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea u tas-Senegal li jikkonkludu Protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd.

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri, ir-rappreżentanti tas-settur, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tas-Senegal ġew ikkonsultati fil-kuntest tal-evalwazzjoni. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal.

- **Ġbir u użu tal-ġharfien espert**

Il-Kummissjoni użat konsulent indipendenti għall-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

3. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-abbozz tar-Regolament ma għandu l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

4. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn ir-Repubblika tas-Senegal u l-Unjoni Ewropea, kif ukoll ma' dawk marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tiegħu. Dan ir-Regolament irid jibda japplika

ladarba jkunu jistgħu jibdew isiru l-attivitajiet tas-sajd skont il-Ftehim, jiġifieri mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tas-Senegal u l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Marzu 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) Nru 2015/384³ dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tas-Senegal u l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'l quddiem "il-Ftehim")⁴. Dan il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2014 u għadu fis-seħħ.
- (2) L-aħħar Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim skada fid-19 ta' Novembru 2019.
- (3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/.../UE⁵, fid-19 ta' Lulju 2019 ġie inizzjalat Protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll").
- (4) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokatu fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu.
- (5) Il-Protokoll jibda japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

³ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/384 tat- 2 ta' Marzu 2015 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (ĠU L 65 tal-10.3.2015, p. 1).

⁴ Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal (ĠU L 304 tat-23.10.2014, p. 3).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... ta' ... (ĠU L ... ta' ..., p. ...).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tas-Senegal u l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mġhammra bi friża:

Spanja: [16] bastimenti

Franza: [12] bastimenti

(b) bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief:

Spanja: [8] bastimenti

Franza: [2] bastimenti

(c) bastimenti tas-sajd bil-konz:

Spanja: [3] bastimenti

Il-Portugall: [2] bastimenti

(d) bastimenti tat-tkarkir:

Spanja: [2] bastimenti

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mid-data tal-applikazzjoni tal-Protokoll.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President